KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 65

Il-ħamsa u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 21 ta' Awwissu 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazzetta, Triq Ghar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Vici Sindku |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*65.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 64;*
*65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*65.5 Rapporti ;*
*65.6 Rapport dwar intervisti ta' clerks*
*65.7 Management Letter Reply 2022*
*65.8 Items Oħra ;*
*65.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*65.11 Mozzjonijiet ;*
*65.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

65.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

65.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ma kien hemm l-ebda talba.

**65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 64**

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa nru 64 intbagħtu qabel il-laqgħa u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier P.Radmilli bagħat emajl qabel il-laqgħa b'korrezzjonijiet li ġew approvati. Il-kunsillier J.Dougall ippropona li l-Minuti jiġu approvati u ssekondaħ il-kunsillier D.Soler. Kien hemm qbil unanimu. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 64*

65.2.2 B'referenza għal punt 64.2.3 is-Sindku qal illi rappreżentant tal-ERA informaħ illi intbagħtet korrispondenza lil Ombudsman sabiex tissewwa il-ġibjun ta' triq il-Kbira, iżda formalment m'hemm l-ebda żviluppi. Ried jinforma lill-Kunsill bil-possibilita li din l-oġġezzjoni titfaċċa iżjed il-quddiem. *Triq il-Kbira*

65.2.3 B'referenza għal punt 64.2.5, l-ittra intbagħtet iżda s-CEO ta' TM qal illi mhux possibbli jitneħħew l-iscooters minn fuq il-Promenade. Kien hemm qbil illi l-Kunsill ikompli jagħfas fuq din id-deċiżjoni.

**Il-Viċi Sindku u l-kunsillier A.Galea waslu fis-18:20**

65.2.4 B'referenza għal punt 64.5.2 is-Sindku qal illi l-evalwatur reġa m'għalaqx ix-xogħol u ma jista jsir xejn minħabba f'hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nuqqasijiet ta' evalwaturi qegħdin

jirrepettu ruħhom u huma bħala individwi għandom jerfaw ir-responsabilta.

65.2.5 Rigward punt 64.5.1 il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm nies illi qegħdin jgħidu li hemm telqa kbira ġewwa Ġnien Independenza. Is-Sindku qal illi xogħol għaddej, avolja jista jkun fi stat aħjar, u hemm xogħolijiet oħra għaddejjin mingħand entitajiet oħra.
Żied illi l-funtana lesta.

65.2.6 Rigward punt 64.6.7 is-Sindku qal illi l-ammont ta' €70,000 hija kera żejda u mhux multa. Is-Sindku qal hemm Deputat li qed jara l-affarijiet u se jivverifika qabel ma jkun f'pożizzjoni biex jikkonferma mall-Kunsill.

65.2.7 Rigward punt 64.6.6 il-kunsillier D.Soler staqsa x'qed isir bħala infurzar fuq l-iskips. Is-Sindku qal sa tmiem il-ġimgħa l-istorja se tkun differenti.

**Il-kunsillier P.Radmilli wasal fis-18:32**

65.2.8 Il-Viċi Sindku staqsa għal update rigward punt 64.6.9. Is-Sindku qal illi l-magħdum orndat u se jieħdu ħsieb tal-Public Works.

## 65.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

65.3.1 Is-Sindku qal illi sfortunatament m'hemmx nies biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni. Il-kunsillier P.Radmilli irrakkomanda li toħroġ tender bil-MEAT. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi, bħal ma intqal qabel, kien hemm membri tal-bord tal-evalwazzjoni illi qatt ma għalqu t-tender. Qal illi dawk illi tefaw bids għandom dritt legali biex ifittxu l-Kunsill jekk toħroġ sejħa oħra meta l-prezzijiet tagħhom huma mitfuħin għall-pubbliku. *Handymen*

65.3.2 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa mall-Onor. Ministru Owen Bonnici fejn spjega l-problema li hemm tal-iskart. Żied illi ltaqa wkoll informalment mas-CEO ta' LESA u se jibdew jiġu Green Wardens. Il-kunsillier P.Radmilli qal għandom jiġu informati dwar il-Bye-Law li hemm dwar boroż miftuħin. *Laqgħa ma Onor O.Bonnici*

65.3.3 Is-Sindku informa li waqt l-istess laqgħa l-Ministru qal illi se jara

mall-Malta Arts Council jekk il-monument ta' triq Bisazza tista ssir bi Direct Order, waqt illi qal illi hu lest jieħu l-monument eżiztenti.

**Il-kunsilliera V.Galea Pace waslet fis-18:55**

Is-Sindku qal illi hemm kuntrattur li se jagħmel xogħolijiet ġewwa l-latrini ta' Exiles bħala CSR

**Il-kunsillieri P.P.Portelli u W.V.Baldacchino ħarġu fis-19:00**

## 65.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kunsillier D.Soler għamel talba biex jiġi preżentat lista ta' CCTV li jintużaw għall-infurzar għal min jħalli ż-żibel barra.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Soler kien diġà ingħata risposta lura fejn ikkonferma li waqt illi hemm kameras fil-lokalita, mhumiex hemm għar-raġuni ta' sorveljanza fuq boroż mormi illegalment biss, iżda fakkar ukoll illi kella ssir laqgħa ma tad-Data Protection sabiex inkunu ċerti li jsir kollox kif suppost u fejn il-kunsillier kellu jibgħat meta hu jista jattendi għal din il-laqgħa, kif ukoll semmew kemm il-darba diversi postijiet fejn dawn il-kameras għandom isiru iżda qatt ma waslet dokument iffirmata kif kien mitlub fejn terzi jagħtu kunsens tagħhom biex il-kameras jitwaħħlu fuq propjetà tagħhom u fejn jingħata servizz ta' internet u elettriku.

**Il-kunsillieri P.P.Portelli u W.V.Baldacchino daħlu lura fis-19:12**

Fuq dan il-punt is-Sindku qal ukoll illi hemm problema żgħira b'kameras eżiztenti fejn qegħdin juri l-ġurnata bil-versjoni Amerikana u b'hekk ma joħorġux multi. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dik mhix skuża valida u la jkun hemm provi li l-versjona Amerikana hija d-data meta saret l-azzjoni, fejn faċilment toħroġ il-verita, l-ebda multa m'għanda taqa.

## 65.5 RAPPORTI

65.5.1 Ma kien hemm l-ebda kumment.

**Il-kunsillier D.Muscat wassal fis-19:27**

**65.6 RAPPORT DWAR INTERVISTI TA' CLERKS**

65.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord kien magħmul minnhu, is-Sindku, il-kunsillier D.Muscat u l-impjegata tal-Kunsill G.Enriquez. Qal illi taħt l-iskala 15 kien hemm 2 biss eliġibbli u għad hemm intervisti x'isir ma dawk illi ma setawx jattendu. Kien hemm qbil unanimu mad-deċiżjoni tal-Bord dwar il-persuna magħżula s'issa. Skala 15

**65.7 MANAGEMENT LETTER REPLY 2022**

65.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet il-Management Letter, kif ukoll draft tat-tweġiba qabel il-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu dwar l-approvazzjoni tagħha. Management Letter Reply 2022

**65.8 ITEMS OĦRA**

65.8.1 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi hemm persuna li lest joffri kaxxi bil-valenu għall-ġrieden. Ġrieden

65.8.2 Is-Sindku qal illi hemm ċerti appartamenti fejn għandom l-iskeda l-antika fil-komun tagħhom. Talab illi terġa tintbagħat reminder lir-Reġjun, kif ukoll lil WasteServ biex tinbiddel il-ħin tal-ġabra għat-8pm sabiex joħorġu tabelli ġodda.
Ma dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi għanda ssir talba formali sabiex tasal għandna lista ta' amministraturi.

65.8.3 Il-kunsillier D.Muscat fakkar illi l-attivita Sqaqien se ssir nhar is-Sibt li ġej u ta informazzjoni dwar l-attivitajiet. Sqaqien

65.8.4 Il-kunsillier D.Muscat qal beda jaħdem fuq l-artwork għar-riklam ta' Ġieħ Tas-Sliema waqt illi l-informazzjoni li tingħata lil pubbliku lest. Ġieħ Tas-Sliema

65.8.5 Is-Sindku qal illi l-Onor Albert Buttigieg se jorganizza attività f'isem Robert Arrigo. Din se ssir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru u talab il-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi l-Kunsill jidħol sħab miegħu bħala organizzatur u se jgħin bil-valur ta' €1,500. Attivita: Robert Arrigo

65.8.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-AKL bagħtu korrispondenza fejn kunsillier li jixtiequ jżommu s-silos fil-lokalita għall-kontroll tal-ħamiem għandom jiġu mħallsin mill-Kunsill. Il-prezz huwa ta' Silos

€200 kull waħda fejn hemm tnejn fil-lokalita. Is-Sindku qal hemm waħda l-Balluta u staqsa jekk huma mhumiex lesti jħallsu tagħhom, peress illi taffettwa lilna, jekk hemm qbil illi titħallas ukoll. Kien hemm qbil illi tidħol f'post iżjed ċentrali u titħallas.

65.8.7 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi se ssir laqgħa dwar Residential Parking nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi se jattendi.

65.8.8 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fl-aħħar laqgħa semmejna ta' Fort Cambridge. Is-Segretarju Eżekuttiv qal il-prezz għall-appell tiswa €3,500, €1,500 jekk isir flimkien ma NGO, u hemm €2,000 spejjez professjonali. Kien hemm qbil illi nappellaw la nsibu NGO. Fort Cambridge

65.8.9 Il-kunsillier J.Dougall qal se ssir protesta nhar id-29 t'Awwissu u staqsa jekk il-Kunsill se jipparteċipa. Kien hemm diskussjoni fejn kien hemm qbil illi waqt illi kulħadd hu liberu jattendi bħala individwu, la ma kien hemm l-ebda talba għall-għajnuna, jew anqas intbagħat xi tip ta' korrespsondenza jew informazzjoni lill-kunsill, il-kunsill mhux se jidħol fiha.

65.8.10 Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm kollox niexef fil-ġnien ta' Qui Si Sana. Is-Sindku rrisponda li r-raġunijiet diġà ssemmew kemm il-darba f'laqgħat oħra.

65.8.11 Il-kunsillier J.Dougall staqsa meta se titlesta x-xogħol tal-ferry. Għandom ilestu sa Novembru

65.8.12 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-latrini tax-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-aħħar waslu d-dokumenti kollha u saret l-applikazzjoni lill-Lands.

65.8.13 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar update tal-appell ta' Podium. Is-Sindku qal illi l-avukata kella tibgħat sabiex isir infurzar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kien diġà bagħat.

65.8.14 Il-kunsillier J.Dougall informa hemm bżonn tabelli fejn żebra crossing ta' triq Sant'Antnin

65.8.15 Il-Viċi Sindku għamel reminder għas-siġar ta' Balluta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'kienu l-problema u qal illi dakinhar tal-laqgħa stess il-kuntrattur bagħat lil ERA sabiex ikun hemm kollox f'idejna biex ix-xogħol isir meta t-temp jippermetti dan it-tip ta' xogħol.

65.8.16 Il-Viċi Sindku staqsa jekk OneOneO jistaw iħawlu siġar max-Xatt, minflok dawk illi mietu la għandom obbligu legali skont il-permess tagħhom biex jipprovdu siġar għal-lokalita. Se tintbagħat ittra lill-perita.

65.8.16 Il-Viċi Sindku qal il-Milied qed joqrob u ma sar xejn. Is-Sindku qal hemm kumitat u għadom qatt ma ltaqaw.

65.8.17 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-parkeġġ tal-escooters. Is-Sindku qal ma sar xejn wara l-aħħar laqgħa peress illi l-maġġoranza ta dawn il-parkeġġi għandom isiru fuq il-Promenade u fl-aħħar laqgħa l-qbil kien illi jitneħħew minn fuq il-Promenade.

65.8.18 Il-Viċi Sindku staqsa x'se jiġri bis-safety tyres li hemm il-Kunsill. Is-Sindku qal dawn se jitqassmu lil gabanni.

65.8.19 Il-Viċi Sindku staqsa għall-informazzjoni fuq ix-xogħolijiet tal-funtana ta' Taormina. Is-Sindku qal bdejna fuq tal-ġnien u issa se ssir ta' Johnny Navarro umbad naraw fuq din.

65.8.20 Il-kunsillier T.Galea rrimarka li laqgħa wara l-oħra fir-rapport tal-Contracts Manager hemm miktub illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart ma ppreżentax il-Work Plan. Żied illi l-problemi li semmejna fil-passat xorta jirrepetu ruħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Kunsill ma jistax iwaqqaf pagament iżda tista tintbagħat lista għar-raġunijiet għalfejn il-kuntrattur irid iħallas penali f'ittra lir-Reġjun.

**65.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

65.9.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**65.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

65.10.1 B'żieda ma punt 65.8.20 kien hemm diskussjoni qasira fejn il-kuntrattur għadu jagħmel piling, m'għandux kameras u GPS u ma bagħatx work plan. Se tintbagħat ittra lir-Reġjun sabiex il-penali jidhru fl-invoice tax-xahar.

**Il-kunsillieri D.Soler u W.V.Baldacchino ġew skużati fid-21:00**

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

65.10.2 Se tinżamm il-pagament tal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-lattrini pubbliċi la mhux dejjem qed ikun hemm attendent. Is-Sindku rrimarka li ħiereġ drenaġġ minn fejn latrina partikolari u dan għadu qatt ma ġibed l-attenzjoni. Se jinżamm ukoll il-pagament dwar is-servizzi tal-perit dwar il-proġett tan-niċeċ għall-aktar verifika.

65.10.3 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-pagamenti jiġu approvati (mingħajr dawk tal-ARMS minn numru 77 sa 84). Il-Kunsillier E.Borg issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

## 65.11 MOZZJONIJIET

65.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 65.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.12.1 Is-seduta ntemmet fid-21:20. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-25 ta' Settembru, 2023 fis-6pm

Minuti approvati llum 25 ta' Settembru 2023

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |